Ma' dan il-bullettin qed nibagħtulkom **l-envelope tal-ewwel ġabra għall-Festa** ta' San Pietru u San Pawl. Kif tafu l-ispejjeż dejjem jiżdiedu u ma nistgħu nagħmlu xejn mingħajr l-għajnuna tagħkom. Aħna nafdaw dejjem fil-ġenerożità tagħkom u nitolbu l-Mulej ikompli jkattar il-ġid fuqkom.

Fuq l-envelope ħsibna biex inniżżlu frażi li kiteb San Pawl lin-nies ta' Korintu, meta anki hu kellu bżonn jagħmel ġabra għall-ħtiġijiet tal-komunità Nisranija. Bi kliemu jħeġġiġhom biex ilestu l-offerta li huma kienu wiegħdu li se jagħmlu mis-sena ta' qabel; mhux bħala ħaġa ta' bilfors, imma bħala ħaġa ħierġa mill-qalb (ara 2Kor 9).



Naħseb li l-għajnuna li nagħtu biex norganizzaw il-festa tagħna hi anki sinjal ta' karità li nuru lejn xulxin, għax flimkien qed noħolqu okkażjoni sabiħa ta' ferħ u għaqda li minnha jista' jgawdi kulħadd. Jalla San Pietru u San Pawl ikomplu jgħinuna biex naħdmu bħalhom bi mħabba u ġenerożità għal xulxin.

**Festa f'San Blas**: il-Ħadd 1 ta' Frar 2026

10.30am Marċ tal-banda fi Triq San Blas
11.00am Quddiesa fil-beraħ

Il-ġabra ta' waqt il-quddiesa ser issir b'risq il-komunità li tgħix f'Dar Arka, li ser ikunu magħna għal dan il-mument sabiħ. Wara jkun hemm festin għal dawk kollha preżenti. Kull għajnuna hi apprezzata fl-organizzazzjoni ta' qabel u waqt il-festa.



**Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof,** għada t-Tnejn 26 ta' Jannar, fil-Mużew tas-Subien, fis-7.00pm. Uliedhom ikollhom il-katekiżmu fl-istess ħin fl-oqsma rispettivi tagħhom.

**Stedina għall-Grupp ta' talb ta' Patri Piju,** għada t-Tnejn, 26 ta' Jannar, fl-4.00pm fil-kappella tas-Sorijiet. Ingħaqad magħna mingħajr ebda impenn speċjali: niltaqgħu għal ftit Adorazzjoni flimkien, it-talba tar-Rużarju u l-Quddiesa li noffruhom bħala rigal ċkejken lill-parroċċa bit-talb għall-vokazzjonijiet u għall-morda tagħna. Narawk.

**Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara** għat-tfal li qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina. It-tfal jiltaqgħu fil-Mużew tas-Subien nhar is-Sibt 31 ta' Jannar fid-9.30am u jinġabru mill-knisja fil-11.30am.

**Preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal lill-Madonna Ta' Pinu**. Ċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof Anton nhar is-Sibt 31 ta' Jannar fl-4.00pm. Kull familja ġġib xemgħa għal waqt it-tberik.

**Il-proċess għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex f'Settembru 2026.** Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet oħra, dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u Indipendenti, online bejn it-28 ta' Jannar u l-4 ta' Frar. Aktar informazzjoni billi tikklikkja fuq **Skejjel tal-Knisja** fil-website tal-Kurja www.knisja.mt.

**Il-komunità tal-Arka Respite Centre** se tkun magħna fit-22 ta' Frar għall-quddiesa tal-11.00am u wara se jsir għalihom festin żgħir fiċ-Ċentru. Min jixtieq ikun benefattur billi jgħin għal dan il-festin jista' jkellem lil Fr Mark Bonello.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am